MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 251/2005

**Avviz numru  251/05DM**

**Maltacom p.l.c. – C 22334**

**Vs**

**Leslie Richardson (ID 58747 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija, hamsa u tmenin lira Maltin u hames centezmi (Lm3,685.05) rappresentanti ammont ta' numru telefoniku 21389943 (skond kif jirrizulta mill-anness ma' l-Avviz 'statement' Dok. 'A') liema servizz gie stallat fil-fond Flat/4, Blk/D, Ta' Giorni, St. Julians (AT5874/76 a/c 10118929) u dana kif jirrizulta mill-kopja ta' l-applikazzjoni annessa ma' l-Avviz u mmarkata Dok. 'B'.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-lum il-konvenut permezz tad-difensuri tieghu pprezenta nota ta’ ammissjoni;

Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ tlett elef, sitt mija u hamsa u tmenin lira Maltin u hames centezmi (Lm3,685.05) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mit-28 ta’ April, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------